MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 194/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**

**Federico Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fis-7 t' Ottubru 2004 fi Blata l-Bajda Pharmacy, Triq il-Kbira, Hamrun, naqas li jzomm kopja tal-ircevuti mahruga skond it-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan**

**bi ksur tal-partita 1 (g) tal-Hdax il-Skeda li tinsab mal-istess Att u l-artikolu 76(b) tal-Att nru. XXIII tal-1998.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 76(b) u 82(2) tal-Att nru. XXIII tal-1998 u l-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda li tinsab mal-istess Att, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta' LM150 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni eccepixxiet preliminarjament in-nullita' tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li fl-ewwel lok, ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w, fit-tieni lok, ir-rikors tal-appell ma fihx il-fatti fil-qosor.

**Semghet it-trattazzjoni dwar dawn l-eccezzjonijiet fil-kors tal-istess seduta.**

**Semghet lill-istess appellant bil-gurament, bla pregudizzju ghall-istess eccezzjonijiet.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi jirrizulta mid-deposizzjoni tal-istess appellant li wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata, il-Magistrat li kien qed jippresjedi l-Qorti kien staqsa lill-appellant jekk riedx jappella. Dan kien wiegeb li ma jafx. Ghalhekk jirrizulta li fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti w li l-Ewwel Qorti ghalhekk ma mponietx it-termini tal-garanzija tajba li hija mehtiega skond l-artikolu 416 (1) fuq imsemmi biex appellant jaqla' mill-Qorti Inferjuri it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza .**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali** “Il-Pulizija vs. Mario Mifsud**”** **(5.5.1994) :-**
***“Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita’ w irritwalita’ tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta’ li wiehed jappella*** **(ara** Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech**, App. Krim. 28.1.94 ;** Il-Pulizija vs. Frangisk Borg**, 18.1.41; Vol. XXXIII.iv.391 u l**-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi.”

**u aktar ‘l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-**

***“wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata*** sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x’imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament.”

**L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali :** “Il-Pulizija vs. Karl Gialanze” **(17.5.94.) u “**Il-Pulizija vs. Francis Micallef” **(5.7.94) , “**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna” **(20.1.95) u** “l-Pulizija vs. Carmel Attard**” (30.6.95) .**

**Illi fis-sentenza** “Il-Pulizija vs. George Cefai” **[23.4.1997] din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir immedjetament wara li tinghata s-sentenza. Dik il-Qorti kienet irriferiet ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-**

**“*Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta’ prgunerija sospizi ) u d-dispozizzjonijiet ta’ dan il-Kodici dwar il-hlas ta’ pieni ta’ flus,*** *KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA.”* **(Emfasi ta’ din il-Qorti)**

**Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-**

*"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla mill-Qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."*

**Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien , necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha , jehtieg li tigi maghmula mmedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza w b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat .**

**Illi din il-Qorti kif preseduta u kif gja rriteniet fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Victor Vella" **[6.1.2003] taqbel perfettament ma dan ir-ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern , ma deherelux li kellu jiddikjara li jrid jappella , immedjetament wara li inghatat is-sentenza , kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant.**

**Illi dwar it-tieni pregudizzjali tal-Avukat Generali, huwa fatt illi r-rikors tal-appell ma jikkontjenix gabra tal-fatti fil-qosor kif preskritt mill-Artikolu 419 (1)(a) tal-Kodici Kriminali w xi fatti li jissemmew fir-rikors huma meskolati ma l-aggravji li ressaq l-appellant b'mod li wiehed ma jistax jispigolhom facilment mill-istess aggravji.**

**Illi skond il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti dan in-nuqqas fir-rikors tal-appell ukoll jirrendi l-istess rikors tal-appell monk u jwassal ghan-nullita' tal-istess appell.**

**Ghal dawn l-motivi din il-Qorti tilqa' iz-zewg pregudizzjali sollevati mill-Avukat Generali w**

**tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------